# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016**

**Numru**

**Rikors kostituzzjonali numru 50/2013**

**Emanuel Camilleri**

***v.***

**Spettur Louise Calleja u l-Kummissarju tal-Pulizija; u b'dikriet tas-6 ta' Mejju 2014 issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' rikuża tal-president ta' din il-qorti, il-Prim'Imħallef Silvio Camilleri, imressqa mill-attur Emanuel Camilleri taħt l-art. 734(1)(*d*)(i) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**734.** (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –
>
> »…
>
> »(*d*) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha.«

2. L-attur fisser hekk ir-raġuni għar-rikuża:

> »… … … peress illi fiż-żmien meta ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-appellant huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali u dan skont il-liġi.«

3. L-avukat tal-konvenuta Spettur Louise Calleja wieġbet illi l-art. 734(1)(*d*)(i):

> »… … … ma huwiex applikabbli għaliex sa fejn taf hi la r-rinviji u lanqas l-artikolu tar-rinviju għall-ġudizzju ma kienu ffirmati mill-President tal-Qorti, b'dan li tirrileva ulterjorment li l-klijenta tagħha Spettur Louise Calleja kkonsultat ruħha dwar il-każ mal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali iżda mhux speċifikatament mal-Avukat Ġenerali personalment.«

4. L-attur irreplika illi dak li qalet l-avukat tal-konvenuta:

> »… … … ma jagħti l-ebda garanzija illi l-President tal-Qorti qatt ma ġie kkonsultat minn wieħed mill-avukati li ffirmaw in-noti ta' rinviji jew fuq xi episodju li l-proċeduri kriminali turbolenti kienu jinvolvu, u fit-tieni lok illi l-Avukat Ġenerali huwa l-prosekuzzjoni *per eccellenza* u għalhekk anke l-apparenzi huma rilevanti.«

5. Fil-fatt huwa minnu illi l-President tal-Qorti, għalkemm kien Avukat Ġenerali fiż-żmien meta sar il-proċess kontra l-attur, ma kien iffirma ebda att f'dak il-proċess. Madankollu, dak li sar mill-avukati fl-uffiċju tal-Avukat Ġenerali sar f'isem l-Avukat Ġenerali, li jerfa' r-respons-abilità għal dak li jsir ukoll jekk, kif spiss jista' jiġri, ma jkun ta ebda parir u forsi lanqas ma jkun ġie konsultat dwaru.

6. Għalhekk – għax dak li sar u li nkiteb fil-proċess kontra l-attur mill-avukati fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jitqies li sar u nkiteb f'isem l-Avukat Ġenerali, u għax il-President tal-Qorti kien l-Avukat Ġenerali fiż-żmien relevanti, u mhux minħabba l-apparenzi, kif igħid l-attur – l-eċċezzjoni jixraq illi tintlaqa'.

7. Il-qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-President tal-Qorti imressqa mill-attur. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df